MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2010

Numru 835/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**Vs.**

**Elenka Taneva**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Elenka Taneva bint Marin Talev u Malinka Panova, imwielda Bulgaria fl-14 ta' Marzu, 1982, bla indirizz fiss u detentrici ta' dokument Bulgaru bin-numru 625496398, talli bejn it-2 u l-10 ta' Awwissu 2010 fil-Belt Valletta, b'diversi atti maghmulin minnha anka jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda;

1. Nhar it-3 ta' Awwissu 2010 bejn 12.45hrs u l-13.10hrs, ikkommettiet serq ta' flus liema ammont jeccedi l-valur ta' € 232.94 izda inqas minn € 2329.37, aggravat bil-Valur ghad-detriment ta' Paula Anne Paquin ta' nazzjonalita Amerikana u dan bi ksur ta' Art. 261(c) u 267 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Nhar l-4 t'Awwissu 2010 ghal habta tal-17.00hrs, ikkommettiet serq semplici ta' flus liema ammont ma jeccedix il-valur ta' € 232.94 izda huwa ta' aktar minn € 23.29 ghad-detriment ta' Maria Cutajar detentrici tal-Karta ta' l-Identita bin-Numru 344667M u dan bi ksur ta' Art. 285 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Nhar is-6 ta' Awwissu 2010 ghal habta tal-11.15hrs, ikkommettiet serq semplici ta' flus liema ammont ma jeccedix il-valur ta' € 232.94 izda huwa ta' aktar minn € 23.29 ghad-detriment ta' Patricia Attard u dan bi ksur ta' Art. 285 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Nhar id-9 ta' Awwissu 2010 ghal habta tal-10.30hrs, ikkommettiet serq semplici ta' flus liema ammont ma jeccedix il-valur ta' € 232.94 izda huwa ta' aktar minn € 23.29 ghad-detriment ta' Rita Spiteri Bailey detentrici tal-Karta ta' l-Identita bin-Mumru 314246M u dan bi ksur ta' Art. 285 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Nhar l-10 ta' Awwissu 2010 ghal habta tas-13.05hrs, ikkommettiet serq semplici ta' flus liema ammont ma jeccedix il-valur ta' € 232.94 izda huwa ta' aktar minn € 23.29 ghad-detriment ta' Lucia Micallef detentrici tal-Karta ta' l-Identita bin-Numru 215752M u dan bi ksur ta' Art. 285 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat illi l-imputata irreġistrat ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkonceditilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi bl-ammissjoni ta' l-imputata ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha din il-Qorti jkollha necessarjament issibha hatja tar-reat addebitat lilha u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront taghha.

L-imputata ammettiet li bejn it-2 ta' Awissu 2010 u l-10 ta' Awissu 2010 hija ikkommettiet sensiela ta' serqiet semplici kif ukoll serq aggravat bil-valur. In-natura ta' dawn ir-reati hija tali li jwasslu li din il-Qorti biex timponi piena ta' prigunerja effettiva u certament xejn anqas.

Ghall-finijiet tal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputata fi stadju ferm bikri tal-proceduri izda, ikkunsidrat ukoll il-konkors tar-reati fil-komputazzjoni ta' l-istess piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), 18, 261(c), 267, 279(a) u 285 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni taghha ssib lill-imputata hatija ta' l-imputazzjonijeit migjuba kontra taghha u tikkundahhaha ghal erbgha u ghoxrin (24) gimgha prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------